**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 134**

L-Erbgħa, 14 ta' Ġunju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

L-Onor. Rebekah Borg u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri u l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia kienu assenti.

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## RINGRAZZJAMENT MILL-ISPEAKER

L-Ispeaker, irringrazzja lil dawk kollha li wrew solidarjetà miegħu fil-perjodu li fih kien indispost.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 133 li saret fit-13 ta' Ġunju 2023 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1917 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Chris Bonett fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kultura, ix-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-Media fi ħdan l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa li nżammet fl-1 ta' Ġunju 2023 ġewwa Londra.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1918 *Tender for the Alteration, Repair, and Finishing Works using environmentally friendly products and materials at Cospicua Elderly Home* maħruġ minn Social Projects Management Ltd datat 2 ta' Settembru 2021;

P.L. 1919 30 ritratt li juru ħsarat fl-infrastruttura ta' Dar Bormla;

P.L. 1920 Mechanical & Electrical Services Condition Report dwar il-Cospicua Home for the Elderly magħmul minn Social Projects Management Ltd u datat 10 ta' Mejju 2021; u

P.L. 1921 Feedback Report – Residential Homes for Senior Citizens għal Bormla Home maħruġ mis-Social Care Standards Authority datat Diċembru 2022.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 9132 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1922 Karta ta' Servizz ta' Kwalità/Quality Service Charter tal-kunsilli lokali tal-Mosta, ta' Ħad-Dingli, tal-Għargħur, ta' Santa Venera u taż-Żurrieq, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9134;

P.L. 1923 Proġett propost mill-Kunsill Lokali Naxxar fi Frar 2023 li ġie sottomess għall-Community Greening Grant, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9777;

P.L. 1924 6 pjanti approvati u sottomessi lill-Project Green sabiex jiġi żviluppat ġnien pubbliku fuq art fiż-żona ta' Mellieħa Heights, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9778;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1925 22 site plan ta' proprjetà li kienu għall-bejgħ mill-Awtorità tal-Artijiet fil-lokalitajiet tat-12-il Distrett Elettorali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9893;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1926 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' vetturi leased/mikrija mid-dekasteru li għalih hi responsabbli l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, fil-perjodu bejn Lulju 2018 u Mejju 2023 maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9735;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1927 Tabella li turi tagħrif dwar in-numru ta' vetturi leased/mikrija mid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, fil-perjodu bejn l-2014 u l-2023 maqsuma skont l-entità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9736; u

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1928 Tabella li turi l-kawżi kontra l-Avukat tal-Istat quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) maqsuma skont l-istadju tal-kawża, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9466.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1929 Tagħrif dwar kull applikazzjoni għall-bini ta' Childcare Centre li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-perjodu bejn Ġunju 2018 u Mejju 2023, maqsuma skont il-lokalità, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9653;

P.L. 1930 Tagħrif dwar applikazzjonijiet għall-proposti ta' estensjonjiet ta' yacht marinas/yacht marinas ġodda li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-perjodu bejn Jannar 2010 u Ġunju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9654;

P.L. 1931 Lista li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għar-'Regularisation' u tabella li turi l-ammont ta' fondi miġbura minn dawn l-applikazzjonijiet fil-perjodu bejn Ottubru 2016 u Ġunju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9655;

P.L. 1932 Tagħrif dwar applikazzjonijiet għal tqegħid ta' billboards li saru mal-Awtorità tal-Ippjanar fil-perjodu bejn Jannar 2010 u Ġunju 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9656; u

P.L. 1933 *Fire Safety and Ventilation Report* datat 9 ta' Settembru 2014, Accessibility Audit Report datat 12 ta' Settembru 2014, *Full Development Permission* datat 29 ta' Ottubru 2014 għal A3 Towers Commercial Levels f'Raħal il-Ġdid u 11-il pjanta maħruġa minn Maniera Group għall-istess sit, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9657.

## PERMESS TAL-KAMRA

Bil-permess tal-Kamra, il-Kamra qablet li titressaq mozzjoni mingħajr avviż.

## MOZZJONIJIET

### 154. MOZZJONI DWAR ĦATRA TEMPORANJA TA' MEMBRU LI JIPPRESJEDI L-KAMRA

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona:

Illi ai termini tal-Ordni Permanenti 151 u tenut kont tal-Mozzjoni 152 dwar l-assenza inevitabbli tal-Ispeaker u tad-Deputy Speaker, f'każ ta' assenza tal-Onor. Michael Farrugia, għandu jippresjedi l-Kamra l-Onor. Carmelo Abela.

Il-Ministru għat-Turiżmu, l-Onor. Clayton Bartolo, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem.con.

## 148. MOZZJONI BIEX TEMENDA L-AVVIŻ LEGALI 96 TAL-2023 - REGOLAMENTI TAL-2023 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR IR-REGOLARIZZAZZJONI TA' ŻVILUPP EŻISTENTI

L-Onor. Stanley Zammit ippropona:

Billi nhar it-Tnejn, 24 ta' April 2023, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti - Avviż Legali 96 tal-2023 (Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp Kap. 552);

Billi jirriżulta li wħud mis-sidien ta' proprjetà mhumiex f'pożizzjoni li jqiegħdu fis-suq jew jakkwistaw self bankarju għall-proprjetà tagħhom minħabba illegalità li mhix sanzjonabbli li setgħet seħħet qabel l-2016;

Billi huwa meħtieġ li apparti applikazzjonijiet għar-regolarizzazzjoni għal bini irregolari u strutturi li kompletament jaqgħu fil-konfini tal-iżvilupp għandhom jiġu aċċettati wkoll applikazzjonijiet għar-regolarizzazzjoni ta' każijiet ġenwini ta' proprjetajiet ta' qabel l-2016 u li għandhom is-sit tagħhom parzjalment lil hinn mill-konfini tal-iżvilupp iżda li huma koperti b'permess eżistenti inkluż fejn l-iżvilupp kollu hu f'Settlement Rurali ta' Kategorija 1 sakemm, fi kwalunkwe każ, ma joħloqx ħsara lil tal-madwar;

Billi wasal iż-żmien li pajjiżna ma jibqax iqis l-iżvilupp bħala attività li trid issir akkost ta' kull ħsara li kapaċi tagħmel, trid żvilupp li huwa tassew sostenibbli u li jikkumplimenta l-viżjoni li pajjiżna għandu bżonn għall-protezzjoni tal-ambjent u huwa meħtieġ li ż-Żoni Barra mill-Iżvilupp (ODZ) u l-pajsaġġ uniku ta' pajjiżna jiġu protetti anke billi art pubblika tiżdied maż-żoni meqjusin barra miż-żona ta' żvilupp u li jkun meħtieġ il-vot ta' żewġ terzi tal-Parlament sabiex art li hija barra miż-żona ta' żvilupp tiddaħħal fiż-żoni tal-iżvilupp;

Billi l-imsemmi Avviż Legali kif ippreżentat jagħti lok għall-interpretazzjoni li dan l-eżerċizzju jippremja lil min abbuża, li jikkonferma atroċitajiet fl-iżvilupp u li jippromwovi l-kultura ta' sanzjonar għaliex, b'mod wiesa' ħafna, jagħti jedd lil min abbuża biex igawdi l-frott tal-għemil abbużiv tiegħu billi jħallas xi penali jew piena finanzjarja;

Billi l-kelma "parzjalment" f'Artiklu 3 (ċ) mhix definita tant li skont it-tabella li ser tiżdied tista' tfisser sa 10,000 metru u aktar, u t-test ma jpoġġi l-ebda limitu għall-erja li testendi fiż-Żona Barra mill-Iżvilupp (ODZ) jew xi proporzjon (ratio) bejn il-parti li hi fl-erja ta' żvilupp u l-parti li mhix;

Billi għandu jiġi kkunsidrat jekk ir-regolarizzazzjoni fiż-Żona Barra mill-lżvilupp (ODZ) tistax issir jew le f'siti Natura 2000 u żoni ta' relevanza storika jew wirt kulturali apparti l-każijiet fejn "l-iżvilupp ma jikkostitwixxix ħsara lill-amenity";

Billi huwa xieraq illi l-Parlament permezz tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-lżvilupp jistabbilixxi policies u kriterji ta' fejn u liema tip ta' żvilupp jista' jiġi regolarizzat sabiex il-proċess ikun wieħed ċar, trasparenti u ta' governanza tajba;

Għalhekk din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti - Avviż Legali Numru 96 tal-2023 - għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fir-regolament 4 il-proviso li jaqra:

   ""Iżda l-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ma għandhomx japplikaw għal applikazzjoni sottomessa skont is-subregolament (2) għar-regolarizzazzjoni ta' konċessjoni ta' Kategorija B b'permess."; u";

għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"“Iżda l-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ma għandhomx japplikaw għal applikazzjoni sottomessa skont is-subregolament (2) għar-regolarizzazzjoni ta' konċessjoni ta' Kategorija B b'permess:"; u"

2. Fir-regolament 4 il-kliem:

"(iv) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi mħassar."

għandhom jiġu sostwiti bil-kliem:

"(iv) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"“Iżda wkoll żvilupp eżistenti irregolari jista' biss jiġi regolarizzat skont policy u kriterji riferuti mill-Ministru u approvati mill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.".".

L-Onor. Robert Cutajar issekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-ħin tas-seduta kellu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern, bil-ftuħ u l-għeluq għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Katya De Giovanni.

Fis-6.48 p.m. meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Onor. Stanley Zammit intalbet votazzjoni, li kellha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023 skont ftehim milħuq fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023.

Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, l-Onor. Chris Bonett, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar il-Fornituri ta’ Servizzi ta’ Finanzjamenti Kollettivi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi | Tieni Qari |
| Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Estimi ta’ Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta’ Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi ta’ Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta’ Proprjetà – Ex Edible Oil Site | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta’ Proprjetà fi Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 96 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta’ Żvilupp Eżistenti | Votazzjoni |

Jew xi aġenda oħra li tiġi komunikata aktar tard.

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Chris Bonett.

Fis-7.18 p.m. l-Ispeaker, avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej.

**ELEANOR SCERRI**
**AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. CARMELO ABELA**
**MEMBRU MAHTUR BIEX JIPPRESJEDI**
**L-KAMRA SKONT IL-MOZZJONI 154**